MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 48/2014

Appell numru 48/2014

Il-Pulizija

versus

Richard Calleja

Illum 2 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Richard Calleja, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 371781M talli:

1. Nhar l-4 ta' Novembru 2011 ghall-habta ta' 11.30pm gewwa Z-Zurrieq bil-hsieb li jisraq diversi annimali u affarijiet ohra ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali windipendenti mill-volonta` tal-hati liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u valur;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara li tiskorri il-Euro 116.47 ghad-dannu ta` Telesforo Camilleri;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura JBB147 minghajr ma kienet licenzjata w inxurjata;
4. U aktar talli l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;
5. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar l-26 ta' April 2010 inghata sentenza ta` art. 7 Kap 446 ghal tlett snin mill- Magistrat C.Stafrace Zammit LL.D;
6. Talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 325(1)(b), u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lil Richard Calleja mhux hati tat-tielet, tar-raba u tas-sitt imputazzjonijiet u minnhom tilliberah skond il-ligi. Sabithu u ddikjaratu hati ta` l-ewwel, tat-tieni u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, trattat mieghu skond l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 ghar-reati li dwarhom kienet saret l-ordni bis-sahha tas-sentenza tas-26 ta` April 2010, u kkundannatu komplessivament ghal-sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Richard Calleja, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Frar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess fejn sabithu mhux hati tat-tielet, tar-raba u tas-sitt imputazzjonijiet, thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabithu hati tal-ewwel, tat-tieni u tal-hames imputazzjonijiet u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Richard Calleja.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti qatt ma kienet f'posizzjoni li taghmel apprezzament xieraq tal-provi migjuba peress illi dawn kollha kienu nstemghu minn Magistrat iehor li fil-mori tal-istess kien gie elevat ghal-Imhallef. Dan il-fattur jidher li ncida sew fuq il-valutazzjoni zbaljata maghmula kif ser jigi spjegat ahjar aktar il-quddiem. Barra minn hekk dan il-fattur jista' jwassal li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell biex thossha aktar komda u f'lokha li terga taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-provi migjuba peress illi l-istess Qorti tal-Appell tinsab fl-istess posizzjoni identika li kienet fiha l-Ewwel Qorti meta giet biex taghmel l-apprezzament taghha ghal finijiet ta' sentenza.

2. Illi l-apprezzament erroneju tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti jimmanifesta ruhu addirittura fis-succint tal-espozizzjoni tal-fatti. Ma hux minnu li z-zewg pulizija tal-mobile kienu lemhu persuna maskili tghabbi xi naghag gewwa vann abjad qabel ma waslilhom il-messagg mill-Control Room. Fil fatt hemm diversi inkonsistenzi u konflitt bejn ix-xhieda ta' dawn iz-zewg pulizija tal-mobile kif ser jigi ndikat ahjar aktar il-quddiem.

3. Illi l-verzjoni moghtija mill-pulizija ma tistax tigi meqjusa bhala wahda kredibbli u dana kuntrarjament ghal konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti Dana qed jinghad ghas-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

    a) Illi l-Pulizija jallegaw li raw in-numru tal-vann fil-mument meta dan kien qed jinstaq lejhom fid-direzzjoni opposta. Ta min jispecifika li dan gara bil-lejl fi triq muldama li ma fiha ebda dawl fit-triq. PC Zammit jikkonferma dwar in-numru li 'jiena hadtu huwa qed isuq lura u mhux meta kien ipparkjat'. Huwa pacifiku li l-fatt gara bil-lejl u li z-zewg vetturi kienu bid-dawl mixghulin. Issa hija haga ben maghrufa minn kull bniedem ordinarju li jkun fisikament impossibbli li wiehed jidentifika n-numru ta' vettura misjuqa kontra tieghek bil-lejl gewwa triq mdalma u bi-dawl ta' quddiem taz-zewg vetturi opposti mixhgulin partikolarment meta dak li qed jallega li ra n-numru kien l-istess wiehed li kien qed isuq il-vettura tiehgu w di piu meta l-vettura l-ohra kienet qed tinstaq b'certa velocita'.

    b) Filwaqt li PC1302 Zammit jallega li ra xi naghag fuq il-vann, ("kien hemm ragel qed jghabbi n-naghag fuq il-vann") mill-banda l-ohra PC1035 jghid li l-vann kien vojt - fil-fatt irrizulta li l-vann telaq vojt minn fuq il-post tal-allegat incident u sid l-annimali kkonferma li ma sab xejn nieqes. Illi ghalhekk ma hux verosimili dak li xehed PC Zammit peress illi ma jistax ikun li kien hemm in-naghag fuq il-vann u mbghad dan saq jigri vojt ghax lemah il-pulizija - x'sar mit-tliet naghgiet ta' PC Zammit?

    c) Filwaqt li PC Micalef jghid li ra l-vann semplicement ipparkeggat fil-gemb, PC Zammit jghid li ra lil xi hadd jghabbi n-naghag gol-kaxxa tieghu. Dan gie nnegat mill-istess PC Micallef fuq domanda diretta li saritlu fuq dan il-punt.

4. Illi oltre l-fatti kontrastanti fuq esposti jinghad inoltre li rrizulta manifestament ipprovat b'mod oggettiv li l-vettura li raw il-pulizija dakinhar tal-allegat incident ma jistax ikun dik tal-imputat ghas-semplici raguni li l-imsemmija pulizija t-tnejn ikkonfermaw bil-gurament li din kienet wahda bit-tinda tal-metall filwaqt li l-vann appartenenti lill-appellant ghandha kaxxa ta' wara ghal-kollox mikxufa (vide ritrati esebiti in difusa); PC Micallef jikkonferma li l-vann kellu "Tinda pjanca fil-kaxxa ta' wara".. kienet "tal-metall".

5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess pero' jinghad li l-aktar aggravju serju jinsab fil-fatt li l-prosekuzzjoni naqset bil-kbir li tressaq l-aqwa prova disponibbli ghalhilha. Il-Qorti bbazat il-kunsiderazzjonijiet taghha fuq provi cirkostanzjali u kkummentat anke tramite sentenzi ohra kif pova ta' din in-natura (cirkostanzjali) tista' twassal ghal sejbien ta' htija sal-grad rikjest mill-ligi (minghajr ebda dubju dettat mir-raguni) diment li tali provi jistghu jinghaqdu flimkien bhala holqa ma ohra. Illi apparti l-fatt li fil-kaz in ezami tali holoq cirkostanzjali ma jwasslux ghal stampa konkreta dwar l-nvolviment tal-appellant, huwa ferm importanti pero' li jigi rilevat li dawn l-hekk msejha provi cirkostanzjali jinghataw daqstant piz probatorju in mankanza ta' prova alternattiva aktar diretta. Fil-kaz in ezami, il-prosekuzjoni kellha f'idejha l-aqwa prova diretta dwar l-allegat involviment tal-appellant jew per li meno tal-vettura tieghu tramite l-persuna li inizjalment irrapurtat il-kaz, certu Carmelo Caruana, pero' l-istess prosekuzzjoni naqset li ttellghu bhala xhud. PC Zammit jikkonferma li "cemplilna ragel certu Carmel Caruana li ra din il-persuna li qed jghabbi n-naghag". Dan serva ta' pregudizzju rrimedjabbli ghall-imputat kif irrizulta mill-pronunzjament tal-Ewwel sentenza. Gia la darba l-prosekuzzjoni kienet taf bl-identita' tal-persuna li rrapurtat il-kaz u li allegatament ra xi hadd jghabbi n-naghag gol-vettura tieghu, kien l-obbligu tal-istess prosekuzzjoni li tressqu bhala xhud u ma tistax tohrog bl-iskuza li dan xtaq jibqa' anonimu. Tant kienu jafu min kien li anke ssemma fix-xhieda bl-isem u kunjom minn PC Zammit. Ir-regola fil-kamp penali tal-aqwa prova tiddetta li l-prosekuzzjoni hija tenuta li tressaq il-provi kollha ghad-dispozizzjoni taghha sew dawk favur u sew dawk kontra l-imputat. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni naqqset bil-kbir u dan il-fattur kellu jittiehed bhala kunsiderazjoni ewlenija u mhux jissemma biss en passant u minflok taqeb ghal prova cirkostanzjali. Kull ma qalet l-ewwel Qorti fuq dan il-punt kien kumment semplici li "dan huwa minnu" u kkwotat sentenza li tghid li provi sekondarji huma wkoll ammissibbli specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli. Huwa fejn falliet bil-kbir il-prosekuzzjoni peress illi l-aqwa prova diretta kienet disponibbli pero' ma ressquwiex u dana bl-iskuza li min irraporta xtaq jibqa' anonimu. Pero' meta dan ma baqax il-kaz cioe' anonimu, stante li xehed fuqu PC Zammit, il-prosekuzzjoni kienet fl-obbligu li tressqu. Is-Sur Caruana mhux semplicement identifika l-vann skond kif ikkumentat l-Ewwel Qorti izda sahansitra huwa allega li ra persuna tghabbi n-naghag gol vann. Pero’ fi kwalunkwe kaz, gialadarba ismu hareg fix-xhieda moghtija, din il-persuna ma baqghetx aktar anonima u kwindi kien imissu ttella.

6. Illi fil-valutazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti dwar jekk il-provi cirkostanzjali iwasslux biex tinholoq holqa ma ohra li twassal ghall-imputat hija bbazata l-istess fuq argumenti u fatti zbaljati u/jew mhux verosimili kif ser jigi hawn indikat:-

   a) Hija fizikament impossibli li l-pulizija raw in-numru tal-vann meta kien qed jinstaq kontra taghhom bil-lejl bil-fanali ta quddiem mixghulin. Li x'aktarx gara kien (u din il-verzjoni aktar kredibbli) li huma strahu fuq ir-rapport ta' Caruna u peress li dan xtaq jibqa' anonimu, ghaddew biex ikkonfermaw huma wkoll in-numur likien tahom hu u dana sabiex jakkomodaw lil Caruana li xtaq jibqa' anonimu;

   b) L-ewwel Qorti ma kinietx f'posizzjoni li tasal biex tghid li ma ghandixe dubbju fuq il-verzjoni tal-pulizija press li tali valutazzjoni ma setax jaghmilha in vista tal-fatt li dawn ma kienux xehdu quddiemha - l-aktar fattur oggettiv li jimmilita kontra l-verzjoni taghhom hija wahda ta' natura fizika u ta' sens komun u xejn aktar;

   c) L-Ewwel Qorti zbaljat fil-konkluzjoni taghha fejn qalet li l-imputat cahada bl-aktar mod kategoriku li l-vann setgha kien f'idejn haddiehor. Fl-istqarrija li huwa ta' lill-pulizija, fejn jidher li huwa kien ikkopera bi-shih maghhom, huwa ta' rendikont dettaljat tal-movimenti tieghu. Dwar il-vann jghid li setgha halla c-cwievet tieghu go fih bhalma jaghmel fit-tractors u dana il-ghaliex hekk kienet il-konswetudni ghax qatt hadd ma missilhom xejn.

   d) Minghajr pregudizzju ghas-susespost, anke jekk ghas-sahha tal-argument u dato ma non concesso, wiehed jaccetta t-tezi likin propju dan il-vann li kien fuq il-post tal-attenta, b'daqsekk ma jfissirx li gie provat li (1) il-vann instaq fid-direzzjoni opposta tal-pulizija kien l-istess vann li kien parkeggat biswit ir-razzett u (2) tant meno ma jifissirx li l-imputat kienet il-persuna li saqet il-vann in kwistjoni. Dwar dan l-ahhar fattur ma giet prodotta ebda prova - anzi l-prosekuzzjoni kellha prova disponibbli tramite Caruana pero' ghazlet li ma ttellghux. Hija wkoll ghal din ir-raguni li l-appellant ressaq tali aggravju aktar il-

fuq peress illi tiali xhud setgha facilment jiskolpah jekk tassew ra xi hadd jghabbi n-naghag.

7. Illi dwar il-piena, jinghad li l-Ewwel Qorti kienet iebsa wisq mal-appellant meta kkundannatu ghal sentejn prigunerija effettiva. Ghalkem kellu passat mhux felici anke minhabba problemi psikologici minhabba ncident li kellu f'rasu, jirrizulta li kien miexi tajjeb u fid-direzzjoni gusta kif jdiher mix-xhieda moghtija mill-Probation Officer tieghu, mal-prezentata ta' dina l-kawza. Illi jigi rilevat inoltre li l-appellant huwa rahhal u jahdem fin-negozju tat-trobbija tal-baqar ghal-halib u ghal konsum. Fil-kaz li jispicca l-habs, dawn l-annimali ser ikollhom jinqatlu kollha peress li ma hemm hadd hliefu min jista' jiehu hsiebhom. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li jkun opportun li jithejja pre-sentencing report biex jassisti l-Qorti fl-ghoti tal-eventwali piena, naturalment dan kollu minghajr pregudizzju li l-appellant ressaq fuq l-aggravji fuq il-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-erbgha (4) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (11.30 p.m.) waqt li PC 1035 Norbert Micallef u PC 1302 Clint Zammit kienu qed jaghmlu ronda gewwa Wied iz-Zurrieq bil-vettura tas-servizz hdejn razzett f'dawk l-inhawi lemhu persuna ta' sess maskili jghabbi xi naghag ghal go vann Isuzu abjad. Biswit il-vann kien hemm ukoll xi naghag. Peress illi ma raw xejn suspettuz huma komplew fi triqthom lejn Wied iz-Zurrieq. Huma u sejrin ircevew struzzjonijiet mill-control room biex iduru lura ghax kien hemm allegazzjoni ta' tehid ta' naghag illegalment. Fi triqthom lura setghu innutaw l-istess vann Isuzu jsuq bid-direzzjoni opposta u innutaw in-numru ta' registrazzjoni bhala JBB 147. Meta waslu fuq il-post sabu illi terza persuna li allegatament ra lill-persuna jghabbi n-naghag qalilhom ukoll li l-vann kellu n-numru JBB 147. Peress illi kien hemm numru ta' naghag sostanzjali fit-triq illi setghu jkunu ta' periklu ghall-utenti ta' dik it-triq, il-pulizija iddecidew illi jibqghu fuq il-post sabiex jigi evitat il-periklu u jghinu sabiex jingabru dawn l-annimali u ghalhekk ma setghux ikomplu jsegwu l-vann.

Sussegwentement l-Ispettur Kevin Pulis intralca lill-imputat illi fuqu kienet registrata l-vettura identifikata mill-pulizija. Ghall-ewwel il-pulizija ma setghux isibuh izda l-imputat mar l-ghassa peress illi kienet thallitlu "letter to call". L-appellant cahad illi huwa kien il-persuna involuta f'dan il-kaz. Madankollu l-pulizija dehrilhom illi kellhom provi bizzejjed sabiex iressqu lill-appellant biex iwiegeb l-akkuzi dedotti kontra tieghu fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza tal-11 ta' Frar 2014 (fol 86A) il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati ta' xi uhud mill-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal sentejn prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi dehrlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba kontra tieghu u di più l-piena erogata kienet esagerata fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat:

L-appellant beda jilmenta mill-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi kollha illi kellha quddiemha partikolarment dak illi seta' kien ta' beneficcju ghall-appellant. Irrefera ghal Carmelo Caruana, il-persuna illi informa lill-pulizija bin-numru tal-vann illi fuqu kienu qieghdin jittiehdu n-naghag. Skont l-appellant, Caruana seta' jiskolpa lill-appellant. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 638(1) tal-Kap 9 illi jghid, "Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra l-ebda xhur li x-xhieda tieghu tkun importanti." Dan l-artikolu ma jghidx ghal min ix-xhieda tkun importanti u ghalhekk tajjeb illi tradizzjonalment dan dejjem gie interpretat bhala xhieda li tkun kemm favur kif ukoll kontra l-appellant. Però, dan l-artikolu huwa premess bi kliem "bhala regola." Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni ghal xi raguni thalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-kaz taghha jkun kompromess; kollox

jiddependi mill-assjem tal-provi migbura u kemm dawn iwasslu se dak il-konvinciment morali f'mohh il-gudikant illi l-imputat ghandu jkun responsabbli ghall-akkuzi addebitati lilu. F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni iddecidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttellghux bhala xhud f'din il-kawza. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ittellghux jew le u din id-decizjoni zgur li m'ghandhiex taffettwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti ghandha tibbaza d-decizjoni taghha. U hekk ghamlet l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta u legali tal-kuncett ta' provi indizjarji (circumstantial evidence) u a skans ta' ripetizzjoni taghmel pjena riferenza. Hu ben saput illi prova indizjarja tista' twassal ghal htija ta' dak li jkun basta din il-prova twassal ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss. Jekk dawn il-provi jwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod fuqhom sabiex tasal ghal xi konkluzjoni. F'dan il-kaz, il-provi cirkostanzjali kienu: (1) illi l-vann involut fis-serqa ta' dawn in-naghag JBB 147 kien fuq il-post fil-hin tad-delitt; (2) illi l-vann hu registrat f'isem l-appellant. Il-Qorti tirrileva illi sakemm il-provi huma limitati biss ghal dawn iz-zewg fatti, dawn il-provi wahidhom ma jistghux iwasslu ghall-konkluzjoni ta' reatà fil-konfront tal-appellant peress illi jistghu jwasslu ghall-konkluzjoni illi ma kienx l-appellant qed isuq il-karozza dak il-hin tad-delitt peress illi ma giex identifikat isuq il-vann. Però, fl-istqarrija tieghu filwaqt illi l-appellant innega illi kien qieghed fuq ix-xena tad-delitt qal illi f'dik il-lejla hu biss kien qed isuq il-vann li hallih ipparkjat go bitha ta' razzett ta' missieru, liema bitha kienet tilghalaq. L-appellant eskluda l-possibiltà illi kien hemm xi terzi illi setghu hadu l-vann ad insaputa tieghu. Din ix-xhieda tbiddel ghal kollox il-valur probattiv tal-provi migbura u abbinat mal-provi cirkostanzjali migjuba illi l-vann kien fix-xena tad-delitt, li l-vann kien registrat f'isem l-appellant, iwassal ghall-Qorti ghall-unika konkluzjoni illi la ma kien hemm hadd hliefu qed isuq il-vann dik il-lejla, kwindi l-

appellant kellu jigi abbinat max-xena tad-delitt u jinstab hati tar-reat hemm addebitat.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Il-Magistrat ha l-briga illi jistudja l-kaz sew. Ghamel sentenza ferm studjata u dettaljata u akkademikament korretta u ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-meritu. L-istess jinghad ghal dak li jirrigwarda l-piena. Veru illi quddiem din il-Qorti xhedet il-probation officer Carmen Nygaard illi qalet illi ilha issegwi lil Richard Calleja, l-appellant, mill-elfejn u ghaxra (2010) fuq zewg probations illi spiccaw f'April tal-elfejn u tlettax (2013). Semmghet illi darba minnhom l-appellant kien wegga' u kellu xi feriti f'rasu u kien ukoll taht il-kura tal-psikjatra Giorgio. Tghid li l-appuntamenti dejjem zammhom u sabet ko-operazzjoni shiha minnu. Kien qed jagixxi b'mod stramb minhabba l-ferita illi kellu f'mohhu. Minkejja illi spiccat il-probation Carmen Nygaard xorta baqghet f'kuntatt mieghu, tarah jahdem fil-farm, xoghol ferm impenjattiv, u jqum mill-erbgha ta' filghodu u jibqa' sejjer sal-hdax ta' filghaxija. Ma kinitx taf però illi dina kienet ir-raba' "conviction" tieghu u ma kinitx fl-ahjar pozizzjoni illi tghid is-sitwazzjoni tieghu x'kienet mill-elfejn u tlettax (2013).

Il-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena jekk din tkun fil-parametri tal-ligi. Dana mhuwiex qed jigi kontestat mill-appellant; jghid biss illi fil-konfront tieghu l-piena hija esagerata. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa l-kaz. Il-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha, wara li ikkunsidrat il-passat tal-appellant iddecidiet illi timponi piena ta' prigunerija effettiva. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandha ukoll tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------